Kunsill Lokali
Għajnsielem

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL
## IT-TMIEN KUNSILL
## SEDUTA NRU. 47 – 12 ta' Jannar 2023

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar 2023 fl-4:00pm ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat** | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

**47.1 Talba**

47.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**47.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

47.3.1 Inqrat l-ittra ta' apologija li bgħat il-Viċi Sindku Franco Ciangura peress li kien ma jiflaħx.

**47.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

47.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi nforma lill-kunsilliera li nhar it-Tlieta, 17 ta' Jannar

ser jiġi iffirmat l-Memorandum of Understanding sabiex Għajnsielem ikun 'Dimentia-Friendly Village' mal-Minsiteru għal Anzjanita' Attiva' liema ftehim ġie approvat f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

47.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-kunċerti li ttellgħu fil-lokal bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill mal-Fondazzjoni Papa Ġwanni Pawlu II dak ta' Kevin Borg u kunċert ieħor parti mill-Gaulitana Festival. It-tnejn li huma saru fil-Knisja ta' Sant' Antnin. Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier Teddy Saliba talli għen fil-ġbir tal-isponsors. Huwa ta' pjaċir li l-Kunsill jappoġja u jsostni dawn it-tip ta' events kulturali ta' livell għoli.

47.4.3 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li nżammet nhar il-Ġimgħa 6 ta' Jannar fejn ġew diskussi l-aħħar żviluppi tal-iskeda ġdida tal-iskart, estensjoni tal-iskemi li l-Kunsill Lokali Għajnsielem għandu mar-reġjun u anke d-dokument ta' tmien punti 'Għal Għawdex' li jikkonċerna l-żvilupp sostennibli għal-Għawdex.

47.4.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-iskeda nazzjonali l-ġdida tal-iskart li ser tiġi ntrodotta fit-2 ta' Jannar u jidher li s'issa ma' kienx hemm problemi kbar f'Għajnsielem u l-maġġor parti tar-residenti mxew mal-bdil ta' din l-iskeda. Huwa spjega kif tqassmet sticker f'kull residenza f'Għajnsielem u l-Kunsill ħa ħsieb wkoll li jgib l- avviżi fuq il-Bulletin u midja soċjali. Sar qbil li l-avviż għandu jiġi ripetut minn żmien għal żmien fuq il-facebook page.

47.4.5 Il-Kunsill Lokali Għajnsielem għal darb'oħra ħa riżulat prestiġjuż fil-Malta Olympic Committee Awards fejn ġie klassifikat fl-ewwel post tal-2021 u fit-tieni post tal-2022 fejn jidħol żvilupp tal-isports fil-lokalita' mill-Kunsilli Lokali. Is-Sindku spjega kif dan ċertament ikompli jimmotivana għal aktar ħidma f'dan il-qasam.

47.4.6 Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba li rċevejna talbiet minn TriGozo għal Mgarr Trail Run fis-19 ta' Frar. L-ispejjeż jammontaw għal €350. Tajjeb jingħad li membru minn dan l-isport, Josef Azzopardi minn Għajnsielem irnexxielu jikkompeti wkoll riċentament f'Dubai. B'dawn qed inkomplu inpoġġu lil Għajnsielem fuq il-mappa internazzjonali.

-

47.4.7 Is-Sindku għamel referenza għat-talbiet għal għajnuna minn Għajnsielem Snooker fejn se jsir Tournament exhibition minn Tony Drago. Il-Kunsill qabel li bħas-snin preċedenti għandu jikkollabora għax dan il-kampjonat sportiv.

-

47.4.8 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal-talba li rċevejna sabiex issir

Bus-Stop fil-Pjazza Indipendenza li tagħmel sens speċjalment meta ngħalqu quddiem l-Każini għal xi attivita'. Il-Kunsill qabel li għadna nespoloraw din il-possibilita ma' Transport Malta.

47.4.9 Is-Sindku għamel referenza għall-incident li seħħ f'Diċembru fejn vettura ħabtet mar-railing tal-klabb tal-PN f'Għajnsielm. Huwa sostna kif fortunatament ħadd ma' weġġa f'dan l-inċident iżda tajjeb li l-Kunsill jesplora l-possibilta ta' rotta One Way anke bħala parti minn studju akbar ta' immaniġjar tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lil xi ħadd professjonali li jagħmel traffic management tas-sit.

47.4.10 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-permess tax-sheep farm PA 5224/19. Huwa spjega kif l-Appell 142/20 JB. intrebaħ mill-applikanti u l-Kunsill fuq talba ta' diversi residenti appella permezz tal-qorti għaliex dan mar kontra l-policies tal-istess Awtorita tal-Ippjanar. l_appell sar u l-ewwel seduta hija fl-1 ta' Frar u se tidher għan-nom tal-Kunsill l-Avukata Claire Bonello.

47.4.11 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li ressaq il-Viċi Sindku f'isem il-familja Evans fejn ġie propost li titħawwel siġra matura taż-żebbug ad unur Richard Evans. Sar qbil li din għandha titħawwel fl-Għajnsielem Learning Garden.

47.4.12 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-inċident li seħħ fi Wied Rgħajjes meta sfrondat it-triq fejn intlaħaq kompromess sabiex tonqos it-talba tal-ispejjeż tad-danni li saru waqt l-inċident fejn karozza waqgħet wara li sfrundat parti mit-triq. Wara li ħadna wkoll parir legali mill-Avukat tagħna dwar kif għadna nipproċedu ġie propost li nħallsuh in-nofs tal-ispejjes rikjesti u ma jkollux aktar pretensjoniiet fuq il-Kunsill. Inqara d-draft tal-agreement u l-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bl-agreement u jgħaddilu s-somma ta' €750.

47.4.13 Is-Sindku għamel referenza għall-biljett ġentilment offrut minn Sisu Tours Jidher li da parti tal-paroċċa għadu ma sar ebda żblokk sabiex jinbiegħu biljetti għal festa għalhekk qed jiġi suġġerit li jieħu ħsiebha l-kunsill stess. Sar qbil li għandna nindagaw kif ser issir din il-lotterija.

47.4.14 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħolijiet li ser jinbdew fuq l-latrina u jinħtieġ li l-kaxxa tal-linja tal-Go tiċċalaq mill-posta. Sar qbil li għadna titpoġġa f'post ġdid vicin.

47.4.15 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li l-Banda San Ġużepp se tkun qed tinvesti f'sett ta' strumenti ġodda inkluż 'Tramponi' li jiswew madwar €5000 fost l-oħrajn. Huwa propona li jkun tajjeb li l-Kunsill jikkollabora

b'għajnuna lill-alljievi. Dan jista jsir billi nqabbduhom jagħtu servizz ta' banda bħala parti mill-programm tal-Karnival. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

47.4.16 Is-Sindku propona li għanda issir xi forma ta' żjara lill-iskola primarja jew open day għat tfal tal-iskola fejn l-Kunsill jaqsam l-esperjenzi u jispjega l-ħidma tiegħu u fl-istess ħin jisma l-idejat tat- tfal. Din il-proposta għanda tiġi żviluppata aħjar fil-ġimgħat li jmiss u ssir bħala parti mill-attivitajiet tal-proġett Amppa.

## 47.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

47.5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca faħħar lill-Kunsill tat-tiżjin sabih li għamel għall-festital-Milied għax verament servew ta' atmosfera mill-isbaħ. Huwa propona li sena oħra nagħmlu triq bil-pavaljuni tad-dwar bħal eċempju Triq Fawwara.

47.5.2 Il-Kunsilliker Stephen Mercieca rrefera għall-periklu tar-railing imkisser fi Triq l-Imġarr. Sar qbil li għandna nirrapurtawh immedjatament lill-Ministeru għal Għawdex.

47.5.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba ukoll faħħar l-organizazzjoni tal-Kunsill għall-attivitajiet kollha tal-Kunsill u anke għal Miġja tal-Maġi minn Malta.

47.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba wkoll għamel referenza għall-iffrekwentar ta' spiss minn naħa tiegħu fl-uffiċju tal-Kunsill u faħħar immens ix-xogħol impekkabbli li jagħmlu s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill.

47.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar jekk aħniex qed indaħħlu t-10% Lesa administration fee. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser tiċċekja eżatt x'għandna dovuti lilna.

## 47.6 Premjazzjoni Kompetizzjoni tal-Milied

47.6.1 Waqt il-laqgħa ġew mistiedna r-rebbieħa kollha tal-kompetizzjonijiet tal-Milied f'dawk li huma kompetizzjoniet tal-presepji, faċċata u twieqi. Ingħata premju lil min ġie fl-ewwel u fit-tieni post. Ir-rebbieħa tal-kategoriji kienu dawn:

**Kategorija - Siġra tal-Milied**
L-1 Post - CHERYL STELLINI
It-2 Post - JOSEPH MEILAQ

**Kategorija - Faċċata Mżejna**

L-1 Post - NICHOLAS CUTAJAR
It-2 Post - LALLY AZZOPARDI

**Kategorija - Presepji Żgħar**
L-1 post JOSEPH MEILAQ
It-2 post MARIA MAGRO

**Kategorija - Presepji Kbar**
L-1 post AURELIO BUGEJA
It-2 post JEAN LUCA ABELA

47.6.2 Il-ġurija kienet komposta bħas-snin ta' qabel mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepji. Is-Sindku faħħar kemm lir-rebbieħa kif ukoll lil kull min ha sehem għax b'hekk inżommu ħajja t-tradizzjonijiet tagħna marbutin mal-festa tant għal qalbna tal-Milied u joħolqu atmosfera isbaħ.

47.7 **Wara l-attivitajiet tal-Milied**

47.7.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li għal darb'oħra Għajnsielem kien fuq quddiem nett fejn jidħol l-Milied u dan ikompli jikkonferma u jsaħħaħ l-pjan tal-Kunsill li l-lokalita' tagħna tkun klassifikata bħala d-destinazzjoni tal-Milied. Kellna xahar ippakjat attivitajiet u xhieda ta' dan huwa l-fuljett li tqassam fid-djar tar-residenti t'Għajnsielem. It-temp kien dejjem wieħed ta' bnazzi u l-attivitajiet irnexxew kollha b'konkorrenza mill-aqwa.

-

47.7.2 Huwa rrefera għat-tiżjin fit-toroq din is-sena li kompla jiżdied permezz ta' aktar dwal, presepju artistiku u l-linef li jikkumplimentaw is-Siġra tal-Milied.

-

47.7.3 Huwa semma li l-unika kritika li kellna kienet dik li quddiem l-Knisja ta' Sant' Antnin ma' kellnix tiżjin u għalhekk rridu nassiguraw li sena oħra dan ma' jerġax iseħħ. Is-Sindku Kevin Cauchi għalhekk ssuġerixxi li nitolbu l-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmel presepju artistiku għal quddiem din l-Knisja filwaqt li l-Kunsill jagħmel it-tiżjin dekorattiv tad-dawl.

-

47.7.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza wkoll għal-Bethlehem f'Għajnsielem li għal darb'oħra kien suċċess kbir kemm bħala viżitaturi u anki organiżazzjoni u loġistika. L-istess jgħodd għall-attivita' tas-slaten maġi. Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lill-Viċi Sindku Franco Ciangura tal-ko-ordinazzjoni tiegħu. Huwa saħaq pero li għandu jsir sforz akbar mill-għaqdiet speċjalment fejn jidħol animazzjoni u kostumi. Id-Dħul mid-donazzjonijiet ghall-Kumitat kien ta' €7726.33.

**47.8 - Aġġornament tal-Proġetti**

Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-proġetti kurrenti:

**47.8.1 Triq Ħamri** - Is-Sindku spjega kif kuntrattur beda ix-xogħol tal-main ġdid tad-drenaġġ propju ftit tal-ġranet ilu u ser titkompla mill-bidu ta' Sant Antnin sad- djar li nbnew minn Karkanja Ltd.

**47.8.2 Pjazza Tolfa** - Is-Sindku spjega kif qed nistennew mill-perit għall-aħħar dettalji tax-xogħolijiet li fadal. It-target tat-tlestija tax-xogħol hija Mejju 2023. Sfortunatament l-Kunsill ta' Tolfa, Ruma baqgħu qatt ma' bgħatulna l-ġebla li verament xtaqna. Kullma fadal huwa l- cladding mal-bankijiet u tal-mosaic.

**47.8.3 Playingfield Gudja** - Is-Sindku rrefera għax-xogħol tal-Playing Field tal-Gudja bħala wieħed li miexi b'rittmu tajjeb. Huwa spjega kif inħarġu l-quotations għal-siġar u arbuxelli ta' dan il-progett fuq parir tal-espert Joseph Bonello. Il-kuntrattur lesta l-madum u l-playing equipment ser jibda jeħel fil-jiem li ġejjin. Sadanittant qed titgħadda wkoll is-sistema d-dawl . L-aħħar li se jsir huwa t-tapit / flooring li jasal fil-bidu ta' Marzu.

**47.8.4 Librerija u ċentru marittimu** - Is-Sindku spjega kif is-sular ta' fuq tal-librerija issa huwa msaqqaf u t-tender tal-finishings wasal biex jagħlaq u jigi aġġudikat. Issa jmiss li jsir il-bridge kif wkoll l-equipment tal-għamara u dak kollu relatat maċ-ċentru maritimu. Sar qbil li dan se jsir permess ta' diskussjonijiet u ideat minn Dr Alan Deidun, Paul Stellini u l-Perit Godwin Sultana.

**47.8.5 Public Convenience** - Is-Sindku nforma lill-kunsilliera kif il-proċess tat-tender jinsab magħluq u hekk kif napprovaw l-evaluation report jkun jista' jingħata l-kuntratt u x-xogħol jibda mill-aktar fis possibli. Huwa spjega kif l-offerta nqassmet f'żewġ offerti waħda tax-xogħolijiet u oħra ta' dawl u plumbing. Appena l-offerta tad-dawl u l-plumbing tagħlaq għandha tiġi evalwata minnufih.

47.8.6 **Proġett Triq Qigħan** - Rigward il-Proġett tal-Belvedere ta' Triq il-Qigħan is-Sindku spjega kif il-proġett għadu ma nbediex peress il-kuntrattur qed jsitenna l-permess minn Transport Malta sabiex ix-xogħol jibda. Huwa spjega li jittama li x-xogħol jinbeda minnufih.

**47.8.7 Ġnien quddiem l-iskola Primarja** - Rigward il-Proġett tat-tisbiħ quddiem l-iskola Primarja s-Sindku spjega li l-permess ħareġ f'Diċembru iżda għadna qed nistennwa d-dokument tat-tender mill-perit.

**47.8.8 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** - Is-Sindku spjega kif għal dan il-proġett il-perit għadu qiegħed jillesti d- dokument tat-tender li ser ikun jinkludi l-proġett tal-Water catchment u dak tat-taraġ.

**47.8.9 Triq Daħlet l-Għama** - Is-Sindku rrefera għal fatt li t-tender ġie ppublikat u għalaq ilbieraħ biex tingħata s-sement u nistgħu nagħmlu l-evalwazzjoni tiegħu fil-jiem li ġejjin.

## 47.9 Attivitajiet AMPPA, Karnival, St. Patricks u Festa Roti 2023

47.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-attivitajiet prinċipali li ser jiġu organizzati fix-xhur li ġejjin fosthom attivitajiet konnessi mal-proġett Amppa, dik tal-Karnival 2023, attivita' tas-St. Patricks u wkoll tal-Festa Roti 2023.

**47.9.2 Karnival** - Il-Kunsill qabel li l-Karnival 2023 jiġi organizzat is-Sibt 18 ta' Frar 2023 fis-13:00 ta' wara nofsinhar. Il-Kunsill qabel li l-programm għandu jsir bħas-soltu quddiem każini permezz ta' gruppi ta' zfin, karrijiet u maskeruni u anke permezz tal-banda tal-lokal. Il-Kunsill qabel li għandu jżomm il-budget tal-attivita' limitat kemm jista jkun. Bħala preżentatur il-Kunsill qabel li għandu jistieden lil Ron Briffa.

**47.9.3 St Patricks** - Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza l-attivita' tas-St. Patricks u li għandu japplika għall-fondi ta' din l-attivita' li ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Marzu 2023 wara nofsinhar. Sar qbil li għandna ninvolvu lill-għaqdiet speċjalment lil Għaqda tal-Football fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' kif ukoll inġibu lil komunita' irlandiża u dik ingliża onboard. Sar qbil li għandna nistiednu xi bands rock u DJ. Bħala numru ta' bands għandu jiġi determinat appena nirċievu l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tal-fondi. Sar qbil ukoll li għandna nixtru dekorazzjoni tematiċi .

47.9.4 **Festa Roti** - Is-Sindku rrefera għall-attivita' ta' FESTA ROTI li kienet suċċess kbir u kif kien maqbul il-Kunsill qabel li jżomm din l-attivita' bħala waħda annwali. Preżenti għal din il-laqgħa attenda s-Sur Paul Zerafa tal-NGO RUST li tgħin fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'. Bħala data għall-attivita' sar qbil li għandha ssir is-Sibt 25 ta' Marzu 2023. Is-Sur Zerafa semma' li bħala programm ser ikun kważi l-istess bħal tas-sena l-oħra biż-żieda tat-tellieqa taċ-ċikkliżmu . Huwa propona li għandna ndaħħlu lil xi Federazzjoni li tidħol għall-organizazzjoni tagħha. Is-Sindku propona wkoll li bħala parti minn din l-attivita' għandna ninkludu demostrazzjoni tal- Health & Safety tal-użu tar-Roti mtella' mill-Community Police. Sar qbil li bħala spejjes fl-applikazzjoni tal-funding għandna ninkludu t-Timing tal- MMBA, medalji, servizz tal-ambulanza mill-ERRC, barriers, Traffic Wardens, risk assessment,

permits, security mal-barriers waqt is-show tar-roti li jinżlu mit-taraġ, pa system u preżentatur.
Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-MMBA għall-istima tat-timing.

**47.9.5 AMPPA** - Is-Sindku propona li għandha ssir laqgħa mal-artisti lokali Paul Stellini, Vince Caruana u Alexander Lateo sabiex jagħmlu ktieb tat-tpinġijiet dwar Għajnsielem u l-baħar tal-madwar bħala parti minn proġett għat-tfal tal-iskola u AMPPA sabiex ikollna aktar għarfien dwar dawn is-suġġetti. Il-Kunsill qabel din il-proposta. Ġie propost ukoll li għandu jkun hemm aktar attivitajiet edukattivi għat-tfal tal-iskola li se jiġu esplorati fil-jiem li jmiss u jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

### 47.10 Ħatra ta' Bordijiet tal-Evalwazzjoni

47.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-ħtieġa ta' ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni għal dawn l-offerti li għadhom kemm għalqu:-

- Tender Daħlet l-Għama
- Tender Marine Interpretation Centre
- Tender Plumbing u Electrical works tal-Latrina.

47.10.2 Għall-offerta ta' Daħlet l-Għama, il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun kompost mill-Avukat Joshua Grech, il-Perit Edward Scerri, is-Sur William Sultana, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

47.10.3 Għall-offerta tal-Marine Interpretation Centre, il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun kompost mill-Avukat Joshua Grech, il-Perit Godwin Sultana, is-Sur William Sultana, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

47.10.4 Għall-offerta ta' Plumbing u Electrical works tal-Latrina, il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun kompost mill-Avukat Joshua Grech, is-Sur William Sultana, l-Inġinier Mario Cauchi, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

### 47.11 Approvazzjoni tal-Evalwazzjoni tal-Offerta tal-Latrina Pubblika Pjazza

47.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni għall-approvazzjoni. Il-Bord sab l-uniku offerta dik ta' Mark Attard għall-prezz ta' € 36,980 bħala kompatibbli. Il-Kunsill approva r-rapport u sar qbil li għandu jibgħatlu l-ittra ta' aċċettazzjoni u jsir il-kuntratt.

### 47.12 Riżultat tal-proġett Corallo (Interreg)

47.12.1 Bi pjaċir is-Sindku Kevin Cauchi ħabbar li l-proġett Intereg li applikajna biex inkunu partners fih ġie magħżul b'suċċess. Għal dan il-proġett il-Kunsill Lokali Għajnsielem ser jibbenifika mis-somma ta' €74.466,80.

### 47.13 Dokument - Għal Għawdex

47.13.1 Ġie diskuss id-Dokument għal Għawdex imfassal mill-Gozo eNGOs u ġew diskussi punti relatatli ma' dan id-dokument li fil-prinċipju hemm qbil dwaru. Il-Kunsill qabel li għandu jkun parteċipi.

### 47.14 Laqgħa tal-Lokalita'

47.14.1 Il-laqgħa tal-lokalita' baqgħet ma saritx għax ma kien hemm l-ebda attendenza.

### 47.15 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati

47.15.1 Is-Sindku Kevin Cauchi preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Segretarj Ezekuttiv għandha tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u b'hafna dedikazzjoni, anke hafna drabi wara l-hin tax-xoghol taghha sabiex tara lill-Kunsill u l-lokalita' ta' Ghajnsielem timxi ' l quddiem u jispikka fuq oħrajn speċjalment f'dawk li huma applikazzjonijiet ta' skemi u tmexxija tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropea li jirrikjedu hafna mpenn. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan u li għandha tingħata l-massimu bil-qawwa kollha. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha u sens ta' teamwork li jaħdmu bih u li permezz tiegħu tikkunsidrahom bħala t-tieni familja tagħha. Dan kollu jimmotivaha biex aktar ħidma.

Fir-rigward tal-istaff, is-Segretarju Eżżekuttiv proponiet li għandhom jingħataw il-Performance Bonus massimu dak ta' 6%. Il- Kunsill qabel unanimament ma' dan.

Fir-rigward tal-Animal Steward, il-Kunsill ma hasx li għandu jgħaddi performance bonus peress li s-salarju huwa wieħed tajjeb u l-Kunsill diġa huwa mgħobbi bl-ispejjes tat-taxxa u NI tagħha u ghalhekk ma jiflahx li joħroġ aktar fondi minn ġewwa.

## 47.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti

47.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-pagamenti numru 118 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 47.17 Materji oħra

47.17.1 Preżenti għal-laqgħa attenda is-Sur Jason Vella f'isem l-Għajnsielem Football Club. Fost l-ohrajn ġew diskussi l-proġett tad-Dressing room li ser jintuża mill-Club. Is-Sindku saħaq li l-Kunsill jgħin u jissapportja kemm jiflaħ lill- Għaqdiet iżda nistennew xi ħaġa in return. Is-Sindku saħaq ukoll dwar l-importanza li waqt it-tmexxija tal-Bar f' Bethlehem f'Għajnsielem huwa mportanti ħafna li jilbsu l-kostum provdut biex ma jwaqqgħux il-livell tal-attivita'.

47.17.2 Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu noħorġu mill-ġdid t-Tender tal-Latrina tal-Imgarr.

47.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

47.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2023 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**